



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Novembru 2018
(OR. en)

Fajl Interistituzzjonali:
2018/0353 (NLE)

13114/18
COR 1

AELE 55
EEE 44
N 56
ISL 42
FL 42
MI 716
EF 253
ECOFIN 917
DROIPEN 156
CRIMORG 131

ATTI LEĠISLATTIVI U STRUMENTI OĦRA

Suġġett: DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL dwar il-pożizzjoni li għandha tiġi adottata, f'isem l-Unjoni Ewropea, fil-Komitat Konġunt taż-ŻEE, dwar l-emenda tal-Anness IX (Servizzi Finanzjarji) għall-Ftehim ŻEE

Fid-dokument ST 13114/18 INIT, wara il-paġna 16 tizzied il-paġna li ġejja:

Dikjarazzjoni mill-Istati tal-EFTA
għad-Deċiżjoni Nru [...] li tinkorpora d-Direttiva (UE) 2015/849 fil-Ftehim ŻEE

Id-Direttiva (UE) 2015/849 fiha dispożizzjonijiet b'referenzi għal atti adottati taħt it-Titolu V TFUE. Ta' min ifakkar li l-inkorporazzjoni ta' atti b'tali dispożizzjonijiet fil-Ftehim ŻEE hija mingħajr preġudizzju għall-prinċipju li l-leġislazzjoni tal-Unjoni Ewropea adottata bis-saħħa tat-Titolu V TFUE ma taqax fil-kamp ta' applikazzjoni tal-Ftehim ŻEE.

Dikjarazzjoni Konġunta mill-Partijiet Kontraenti
għad-Deċiżjoni Nru [...] li tinkorpora d-Direttiva (UE) 2015/849 fil-Ftehim ŻEE

Il-partijiet Kontraenti qablu li jinkludu każijiet serji ta' frodi li jaffettwaw l-interessi finanzjarji tal-Unjoni Ewropea fil-lista ta' reati predikati għall-ħasil tal-flus. Għal raġunijiet prattiċi, ir-Raba' Direttiva dwar il-Ħasil tal-Flus (Direttiva (UE) 2015/849) ġiet inkorporata mingħajr ftehim reċiproku biex jiġu protetti wkoll l-interessi finanzjarji tal-Istati tal-EFTA membri taż-ŻEE. Minkejja dan, il-prinċipji ta' reċiproċità u omoġeneità kif stabbilit fl-Artikolu 1 tal-Ftehim ŻEE u msemmi fil-Premessa 4 tiegħu, jibqgħu applikabbli bis-sħiħ ukoll għall-protezzjoni reċiproka kontra attività kriminali li taffettwa l-interessi finanzjarji tal-Partijiet Kontraenti fis-sens ta' [din id-Deċiżjoni].